

SAVIOUR BALZAN

# L-AGĦSAFAR TAL-PLAJJA

L-agħsafar tal-plajja huma agħsafar pjuttost żgħar; għandhom titjira mgħaġġla ħafna u l-biċċa l-kbira minnhom ipassu għall-pajjiżi 'l bogħod ħafna fix-xitwa. Fil-postijiet fejn iqattgħu x-xitwa, dawn l-ispeċi differenti ta' għasafar tal-plajja jinġemgħu ma' xulxin, mhux bħal meta jkunu fl-artijiet fejn ibejtu.

L-aktar ħaġa nteressanti dwar it-48 speċi differenti ta' din il-kwalita' ta' agħsafar li jżuru pajjiżna, hija l-mod kif adattaw ruħhom għall-ambjent lokali. Ma hiex ħaġa rari li wieħed jiltaqa' ma' xi Beggazzina tar-Rokka (**Common Sandpiper**) li tkun qed tqatta' xi ġranet waqt il-passa, fil-portijiet u l-kosta tagħna. Kważi wieħed jasal biex igħid li l-għajta ta' dan l-għasfur hija karatteristika ta' dawn l-inħawi f'dawn iż-żminijiet tal-passa.

Dawn l-agħsafar meta jpassu jfittxu postjiet fejn hemm l-ilma, sew jekk dan ikun ħelu, kif ukoll jekk dan ikun salmastru jew mielaħ. Jiddependu fuq il-ħajja li hemm fl-ilma u fit-tajn biex igħixu u għalhekk insibu li l-forma tal-munqar u s-saqajn huma kemmxejn twal biex jaqdu dawn il-bżonnijiet.

L-ambjent li jiffrekwentaw dawn l-agħsafar jinbidel fi żmien qasir. Jekk nieħdu t-Tertuxa (**Little Stint**), naraw li dan l-għasfur ċkejken ibejjet fl-Artiku fi



*Il-vjaġġ tat-Tertuxa mill-Artiku fejn tbejjet għall-Afrika t'Isfel fejn tqatta' x-xitwa, juri d-distanzi twal li jpassi dan l-għasfur.*

żmien qasir ta' tliet ġimgħat, meta f'daqqa waħda tfeġġ r-Rebbiegħa. Huwa jbid qalb il-ħaxix fil-bwar viċin il-kosta jew fix-xtut tax-xmajjar fejn dawn jingħaqdu mal-baħar, għalkemm xi mindaqqiet ibejjet ukoll aktar 'il fuq fit-Tundra 'l-bogħod mill-baħar. Mill-banda l-oħra meta jpassi jieħu vantaġġ minn agħdajjar kbar u zgħar, xi mindaqqiet ukoll il-bogħod mill-baħar. Imbagħad f'postijiet fejn iqatta' x-xitwa bħall-Indja u l-Afrika t'Isfel, igħix fil-bwar jew mal-baħar f'temperaturi ferm aktar għoljin mill-Artiku.



*Monakella saqajha suwed*

Il-biċċa l-kbira minn dawn l-agħsafar jieklu annimali rqaq (**invertebrates**) li jiflu minn fuq wiċċ ir-ramel jew mill-ilma. Xi kultant idaħħlu munqarhom fit-tajn, iżda jagħmlu hekk skond il-bżonn. L-agħsafar tal-plajja jieklu l-aktar filgħodu kmieni jew wara nofsinhar.

Jekk inħarsu lejn il-Monakella Prima, (**Ringed Plover**) naraw li din l-aktar li tiekol insetti Dawn jistgħu jvarjaw minn ħanfus sa grillijiet u anki mazzarelli. Imbagħad jekk inħarsu lejn il-Monakella Saqajha Suwed (**Kentish Plover**) għasfur kważi l-istess bħall-Monakella Prima, naraw li jiekol krustaċi u dud. Dawn iż-żewġ agħsafar jieklu ikel differenti u minħabba f'hekk m'hemmx kompetizzjoni bejniethom għall-ikel meta jgħixu fl-istess ambjent.

L-agħsafar tal-plajja jużaw ħafna metodi biex isibu l-ikel: bħala eżempju permezz ta' tregħid ta' saqajha (**foot trembling**) il-Venewwa (**Lapwing**) tgerrex xi annimali li jkunu qegħdin ġot-tajn. Iżda l-modi prinċipali kif dawn l-agħsafar jieklu



*Gurlin*
**Curlew**

*Ċuvett*
**Spotted Red Shank**

*Gallina tal-baħar*
**Oyster catcher**

*Girwiel*
**Ruff**



*Monakella prima*

huma tnejn: l-ewwel billi jużaw il-vista normali u t-tieni permezz tal-munqar li jużawh biex jiflu għal xi annimali żgħar mit-tajn. X'jużaw jiddependi ħafna fuq l-għasfur kif ukoll fuq il-ħin tal-ġurnata. Dawk l-agħsafar tal-plajja li jieklu bil-lejl bilfors iridu jużaw munqarhom biex iħossu l-ikel. Hemm ukoll ċerta mġiba li għandha x'taqsam mal-mod kif jieklu dawn l-agħsafar. Per eżempju l-Monakell, kif inhuma magħrufin l-agħsafar tal-ġens tal-*Charadrius* jużaw dak li ngħidulu **stop, run and peck,** li fiħ l-għasfur jieqaf, inaqqar u jiġri fil-veru sens tal-kelma. Huwa mpossibli li wieħed jiddeskrivi l-imġiba ta' dawn l-agħsafar kollha, iżda ġeneralment huma jfittxu l-ikel b'dawn l-istess metodi.

L-agħsafar tal-plajja li jżuruna baqgħalhom ftit postijiet fejn jistrieħu u jieklu. Postijiet bħas-Salini f'Marsaxlokk spiċċaw għal kollox u ħlief għal żewġ irkejjen u ftit widien m'għadx fadal postijiet. Għalhekk insibu li s-Salina u r-Riserva ta' l-Għadira huma l-aktar żewġ postijiet importanti. Is-Salina iżda ma tistax isservi ta' kenn għal dawn l-l-agħsafar minħabba l-qerda li ssir mill-kaċċaturi f'dan il-post. Ma dan wieħed irid iżid id-disturb tan-nies. Min-naħa l-oħra l-Għadira mhux biss kenn u sservi ta' post fejn dawn l-agħsafar jistgħu jieklu, iżda anki toffri post fejn xi agħsafar bħall-Monakella Saqajha Suwed u l-Fras-servjent (**Black-winged Stilt**) jistgħu jbejtu.

Biex dawn l-agħsafar ikunu jistgħu jibqgħu jittajru ħielsa f'pajjiżna hemm bżonn li nħarsu kemm l-ambjent li fadal adattat għalihom kif ukoll inwaqqfu darba għal dejjem il-qerda ta' dawn l-agħsafar li qed issir sena wara sena.

SAVIOUR BALZAN



*Beggazzina tat-tizz*
Dunlin

*Pluviera*
Golden Plover

*Monakella*
Little Ringed Plover

*Monakella mperjali*
Turnstone




Din is-sena l-Kunsill ta' l-Ewropa nieda kampanja favur il-ħarsien tax-xtut, kemm dawk madwar il-kosta kif ukoll dawk madwar ilma ħelu: kemm qiegħed kif ukoll dak ġieri. It-tarf fejn l-ilma jmiss l-art huwa dejjem vulnerabbli u fraġli. Hemm diversi fatturi li jikkontribwixxu għat-theddid ta' dan l-ambjent bħall-industrijalizzazzjoni u l-bini ta' proġetti turistiċi kif ukoll l-użu għal skopijiet ta' rikrejazzjoni; tniġġiż industrijali u domestiku, esplojtazzjoni żejda ta' riżorsi bijoloġiċi. Hemm ukoll theddid speċjali, per eżempju dak ta' tixrid taż-żejt. Hemm ukoll il-periklu li 'l-ilqugħ artifiċjali ta' l-ilma jżidu l-konċentrazzjoni ta' ċerti sustanzi li jistgħu jkunu ta' ħsara.

Ix-xtut huma kenn għal bosta speċi differenti u b'hekk dan l-ambjent huwa wieħed mill-aktar sinjuri. F'tarf l-ilma nsibu jgħixu ħlejjaq kemm ta' l-ilma kif ukoll ta' l-art. Iżda, minbarra dawn insibu jgħixu ukoll oħrajn speċjalizzati għal dat-tip ta' ambjent, u minħabba f'hekk huma rari għax ma nsibuhom imkien ieħor.

Għalhekk il-kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa Let's keep it that way - INĦALLUH KIF INHU - li tappella għal aktar ħarsien ta' l-ambjent fejn l-ilma jmiss ma' l-art.

*Parti mill-Għadira mielħa ta' Marsaxlokk. Il-pjanta li tidher fin-nofs hija s-SIMAR. Fl-ilma jidhru diversi algi.*



EDWIN LANFRAN